# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

# ONOR. MHALLEF
# JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar l-Erbgha 5 ta' Lulju 2017**

**Kawza Numru: 19**

**Rikors Numru: 1174/2011/2 JPG**

**GasanMamo Insurance Limited (C 3143)**

**VS**

**Alexander Jan Edward Van Reeven [Nru. ta' Passaport Olandiz NF3121922] u Jeanette Marie Van Reeven [ID 18086A] in solidum u bejniethom**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici GasanMano Insurance Limited (C-3143), datat 12 ta' Mejju 2017, (vide fol 1 et seq), li jaqra hekk;

*Illi fis-sentenza taghha tat-8 ta' Mejju 2017, dina l-Onorabbli Qorti ddecidiet illi:*

*i. L-ewwel u t-tieni eccezzjoni moghtija mill-intimati huma sorvolati bid-decizjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta datati 11 ta' Frar 2013 u 5 ta' Novembru 2013, cahdet it-tielet eccezzjoni fil-konfront tal-intimat Alexander Van Reeven wahdu, laqghet r-raba' eccezzjoni tal-intimat fil-konfront ta' Jeanette Van Reeven wahedha u cahdet l-eccezzjonijiet l-ohra tal-intimati; u*

ii. *Laqghet l-ewwel talba attrici limitatament fil-konfront ta' Alexander Van Reeven; laqghet it-tieni talba u illikwidat d-danni sofferti mis-socjeta' rikorrenti fl-ammont ta' ghoxrin elf, sitt mija u hamsin Euro (€20,650.00), kif ukoll laqghet it-tielet talba parzjalment u limitatament ghall-intimat Alexander Van Reeven u ikkundannatu jhallas is-socjeta' attrici s-somma ta' ghoxrin elf, sitt mija u hamsin Euro (€20,650.00), kif ukoll laqghet it-tielet talba parzjalment u limitatament ghall-intimat Alexander Van Reeven u ikkundannatu jhallas is-socjeta' attrici s-somma ta' ghoxrin elf, sitt mija u hamsin Euro (€20,650.00);*

*Illi it-talbiet fir-Rikors Guramentat kienu jinkludu wkoll talba sabiex dina l-Onorabbli Qorti tikkundanna lill-intimati jhallsu:- "Bl-ispejjes, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Novembru 2009, u dak tal-Mandat ta' Inibizzjoni ipprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors mahluf, u bl-imghaxxijiet mid-data tal-preznetata ta' din ir-rikors mahluf sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-intimati illi huma minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni."*

*Illi b'danakollu jidher illi bi svista, fis-Sentenza taghha tat-8 ta' Mejju 2017, dina l-Onorabbli Qorti naqset milli tiddeciedi t-talbiet attrici in kwantu jirrigwarda l-interessi legali fuq is-somma dovuta.*

*Illi ghalhekk, l-esponenti ai termini tal-**Artikolu 235 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili,** umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeciedi dwar it-talbiet imsemmija taghha u tikkundanna lill-intimat Alexander Van Reeven ihallas l-interessi legali mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat u cioe' 25 ta' Novembru 2011 sad-data tal-hlas effettiv.*

*Salv kull provvediment iehor li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi.

Rat is-sentenza taghha tat-8 ta' Mejju 2017;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkonsidrat:**

Dan huwa digriet wara rikors maghmula mis-socjeta rikorrenti sabiex il-Qorti tiddeciedi dwar l-interessi legali dovuti mill-intimat Alexander Jan Edward Van Reeven fuq is-somma dovuta. L-intimati irrimettew ruhhom ghat-talba tas-socjeta rikorrenti.

Peress li jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata ghaliex ma hemmx decizjoni rigward l-interessi legali dovuti minn Alexander Jan Edwards Van Reeven, il-Qorti tqis illi ghandha tilqa t-talba tas-societa' rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tikkundanna lill-intimat Alexander Jan Edwards Van Reeven ihallas l-imghaxijiet legali fuq is-somma likwidata mill-Qorti, bl-imghax dekoribbli mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat sad-data tal-hlas effettiv.

Bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**